Kunsill Reġjonali Għawdex

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 125/2023

## It-Tlieta 12 ta' Diċembru, 2023

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Eucharist Camilleri | Kunsill Lokali n-Nadur |
| Is-Sur Noel Formosa | Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Paul Azzopardi | Kunsill Lokali Xewkija |
| Is-Sur Nicky Saliba | Kunsill Lokali Zebbuġ |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sur Ivan Cefai | Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Aaron Aġius | Kunsill Lokali Xagħra |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali l-Għarb |
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsill Lokali Victoria |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali Kercem |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | Kunsill Lokali l-Għasri |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il-President, Dr. Samuel Azzopardi ippresjeda l-Laqgħa.

## 125.1 Talba

125.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

## 125.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

125.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 124 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

## 125.3 Komunikazzjoni tal-President u Korrispondenza

125.3.1 Il-President informa lill-Membri preżenti dwar il-kwistjoni tal-kontijiet li qed jiġu ppreżentati mill-kumpanija tad-dawl, l-ESS tal-passat. Ir-Reġjun talab li ssir evalwazzjoni ta' dawn il-kontijiet mingħand l-Inġiniera nkarigati minn dan ix-xogħol. Meta jitlesta dan ir-rapport ir-Reġjun ikun jista' jieħu deċiżjoni dwar dawn il-kontijiet. Il-Presidenti nforma wkoll lill-membri li r-Reġjun qed jaħdem sabiex jinħarġu żewġ tenders separati, wieħed għas-servizzi tad-dawl u l-ieħor għall-provvista ta' bozoz. Barra dawn l-offerti, ser tinħareġ offerta wkoll għall-applikazzjoni (App) fejn jistgħu jiġu rrappurtati l-bozoz meta dawn ma jkunux jixgħelu.

125.3.2 Is-Sindku ta' Sannat qal li għandu xi problemi sabiex jiġu rrappurtati ċertu bozoz li jinsabu eżatt fil-konfini mar-Rabat, għaliex għalkemm dawn ma jaqgħux fil-konfini ta' Sannat, ir-residenti li jilmentaw huma residenti Sannatin. Is-Sindku tax-Xagħra qal li huma għandhom ukoll l-istess problema. Is-Segretarja talbithom sabiex jgħaddu l-informazzjoni ta' dawn il-bozoz lilha, sabiex tkun tista' tmexxi dawn l-ilmenti. Is-Sindku ta' Sannat qal ukoll li hu ġie nfurmat mill-kuntrattur li mhux qed jiġu provduti bl-lampi. F'dan ir-rigward, il-President u S-Segretarja Eżekuttiva nfurmawh li r-Reġjun qed iħallas il-kontijiet tal-provvista tal-lampi u dawn jista' jivverifikahom kulħadd għax jitniżżlu fl-iskeda tal-pagamenti ta' kull xahar.

125.3.3 Saru l-*auditions* lill-applikanti li urew l-interess tagħhom sabiex jieħdu sehem fin-Nouveau Aquitaine Festival – European Orchestra 2024 li huwa proġett taħt il-Programm ERASMUS+ li qed jieħu sehem fih ir-Reġjun t'Għawdex. Dawn saru fil-preżenza tal-Maestro Mark Gauci, flimkien mal-Managers Reġjonali tal-Kultura u tal-Fondi. Peress li minn naħa tal-organizzatur (Lead Partner) kien hemm biss bżonn ta' erbgħa (4) parteċipanti intgħażlu erbgħa żgħażagħ mis-sitta li applikaw. Dawn iż-żgħażagħ huma mir-Rabat, in-Nadur, ix-Xagħra u x-Xewkija. Ir-Reġjun ser jiġbor kwotazzjonijiet għat-titjiriet. Il-proġett ERASMUS+ European Orchestra 2024 ser iħallas €275 għal dan il-għan, jekk ikun hemm xi differenza din għandha titħallas mill-Kunsill rispettiv ta' kull parteċipant.

125.3.4 Il-President informa lill-membri li l-ittra għat-talba ta' intervent dwar l-applikazzjoni PA/00570/21 – Ġgantija Heights, Triq il-Parsott, Xagħra ġiet approvata mill-Kunsilli Għawdxin kollha u għalhekk ser tintbagħat lill-Ministri u organizzazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mas-settur ta' permessi ta' żvilupp.

125.3.5 Fuq talba li saret fl-aħħar laqgħa minn diversi Sindki dwar l-installazzjoni ta' CCTV's tal-iskema *SPI/SCI/4/2023 Skema Finanzjarja-Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati* s-Segretarja Eżekuttiva għamlet talba lill-Ministru Owen Bonnici u Segretarju

Parlamentari Alison Zerafa Civelli għal għajnuna finanzjara għall-installazzjoni u ħlas tal-kera tal-meters kemm tad-dawl kif ukoll tal-internet. Ir-Reġjun irċieva risposta li hemm skema tal-LESA ta' €80,000 li tista tintuża għal dan il-għan. Il-membri preżenti staqsew jekk din l-iskema hiex miftuħa għar-Reġjuni jew għal Kunsilli Lokali. Is-Segretarja għandha tistaqsi dwar dan.

125.3.6 Ir-Reġjun għandu bżonn *interior designer* sabiex jibda x-xogħol fuq il-propjeta li xtara biex isservi bħala sede tar-Reġjun. Għal dan il-għan għandu jkun persuna b'esperjenza fuq propjetà antika għalhekk ir-Reġjun għandu jitlob permess biex tinħareġ *direct order.*

**125.3.7 Performance Appraisal u Bonus tas-Segretarji Eżekuttivi**

**125.3.8** Ġiet diskussa t-talba tad-Deputat Aġent Segretarju Eżekuttiv preċedenti, Karl Vella li serva 4 xhur matul is-sena 2023. Il-President informa lill-membri li kontra dak li kien intqal is-sena preċedenti, meta ntqal li d-dokumenti meħtieġa fir-Reġjun tas-snin preċedenti ma nstabux, jidher li dan ma kien xejn minnu, għax fil-fatt dawn id-dokumenti kienu kollha hemm, fl-uffiċju tar-Reġjun u għalhekk l-audit interna li saret, ma jidhirx li fil-fatt kien hemm bżonnha. Apparti dan, kien hemm ukoll ħafna fatturi oħra ikkawżati bl-imġieba ta' dan l-istess Segretarju Eżekuttiv. Għalhekk, f'dan ir-rigward, wara diskussjoni l-membri preżenti kollha qablu li s-Sur Karl Vella jingħata 3% bħala Performance Bonus.

**125.3.9** Is-Segretarja Eżekuttiva ħarġet mill-laqgħa sabiex tiġi diskussa l-performance appraisal u bonus tagħha. Meta reġgħet lura fil-kamra ġiet infurmata li hi ngħatat il-full performance appraisal u bonus ta' 10%. Hi rringrazzjat lill-membri ta' dan u tal-fiduċja tagħhom.

**125.3.10 Għoti tal-Offerta Provision of Consultancy Services to the Gozo Regional Council.**

125.3.11 Kien hemm offerent wieħed biss mitfugħ għal din l-offerta. Din tikkonsisti f' konsulenza għaż-żvilupp ta' software għar-rappurtaġġ ta' bozoz u affarijiet oħra (bhal ilmenti fuq il-ġbir ta' skart). Din l-offerta ġiet evalwata w approvata mill-*evaluators*. Il-membri approvaw dan ir-rapport.

## 125.4 <u>Inizjattiva Milied Solidali</u>

**125.4.1** Il-membri ġew imfakra dwar l-inizjattiva ta' Milied Solidali – ikla nhar il-Milied f'nofsinhar għal dawk l-Anzjani jew morda jew persuni vulnerabbli oħra li jgħixu waħedhom jew koppji anzjani li ma għandhomx min jsajrilhom. L-aħħar ġurnata biex il-Kunsilli jagħtu n-numru tal-parteċipanti tagħhom lir-Reġjun, huwa nhar il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru. Importanti li l-kotba li ser jingħataw lil kull dar (parteċipanti) mir-Reġjun jitqassmu qabel it-tqassim tal-ikel u dan wara li l-Kuntrattur talab speċifikament sabiex ma jitqassmux fl-istess ħin minħabba d-dewmien. Għalhekk kull Kunsill parteċipanti ġie mitlub li jiġbor il-kotba provduti mir-Reġjun flimkien mal-kartolini fil-jiem ta' qabel il-Milied. Ir-Reġjun għandu jiġi provdut bl-isem tal-persuna minn kull Kunsill li ser takkumpanja lill-kuntrattur fit-tqassim tal-ikel.

### 125.5 Materji Oħra.

125.5.1 Fuq talba tal-membri preżenti ġie ssuġġerit li l-minuti approvati għandhom jintbagħtu lill-Kunsilliera kollha sabiex il-Kunsilliera kollha jkunu nfurmati b'dak li qed jiġri fir-Reġjun.

### 125.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

125.6.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 137 li kienet tammonta għal €182,614.83

### 125.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

**125.7.1** Il-Laqgħa ntemmet fis-19.35 u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 20 ta' Jannar 2024, fis-6:00 ta' filgħaxija.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |